# LECTIO DIVINA

# IT-TIENI ĦADD TAL-AVVENT (C)

## Lq 3,1-6

**« Ħejju t-Triq tal-Mulej »**

**[Lq:3:1] Fis-sena ħmistax tal-ħakma ta' Tiberju Ċesari, meta Ponzju Pilatu kien gvernatur tal-Lhudija, Erodi tetrarka tal-Galilija, ħuh Filippu tetrarka ta' l-artijiet ta' l-Iturija u t-Trakonija, u Lisanja tetrarka ta' Abileni, [Lq:3:2] fiż-żmien meta l-uffiċċju ta' qassis il-kbir kien f'idejn Anna u Kajfa, il-kelma tal-Mulej ġiet fuq Ġwanni bin Żakkarija, fid-deżert.**

1. Kollox jitlaq b'mod solenni minn Ruma, jgħaddi minn teritorji pagani u jasal sa madwar Ġerusalemm. Mill-poter politiku jgħaddi għal dak reliġjuż (f'idejn Anna u Kajfa) bħallikieku ma teżisti l-ebda distinzjoni bejn Lhud u Pagani. Mill-istorja universali Luqa jasal għal dik lokali. L-atturi prinċipali jinsabu f'kuntrast mal-protagonista prinċipali tal-istorja : il-Kelma, li ***« ġiet fuq Ġwanni, bin-Żakkarija, fid-deżert »***, mhijiex vaga imma konkreta: *« Il-kelma tal-Mulej ġietu (lil Ġeremija) fi żmien Ġosija, bin Amon, sultan ta' Ġuda, fis-sena tlittax tas-saltna tiegħu »* (Ġer 1,1-4 ; ara wkoll Ħag 1,1 ; Żak 1,1 eċċ.). L-intervent t'Alla fl-istorja jseħħ f'mument u f'post definit.
2. Hawn jidhru kuntrasti kbar : qed tiġi preparata xi ħaġa kbira u deċisiva imma 'l barra mill-ħakna tan-nies il-kbar, f'post miftuf fis-saltna tagħhom (id-deżert). Il-Kelma tidher dgħajfa imma fl-istess waqt aqwa minnhom: *« Kull bniedem ħaxix, u sbuħitu bħal ward ir-raba'… il-ħaxix jinxef, u l-ward jidbiel, iżda l-kelma tal-Mulej tibqa' għal dejjem »* (Is 40, 6-8).
3. Il-post fejn taqa' l-Kelma huwa d-deżert, post vojt u li ħadd ma joqgħod fih. Is-silenzju u l-isterilita' tad-deżert huma l-aktar art fertili li lesta tilqa' l-Kelma għax il-vojt tiegħu jqarreb lil-bniedem lejh innifsu u lejn il-Ħallieq. Fid-deżert il-poplu ta' Iżrael tgħallem jiddistakka lilu nnifsu minn dak li huwa żejjed, tgħallem li jkun solidali u jaqsam dak li jkollu mal-oħrajn u fuq kollox tgħallem jafda f'Alla.

4. Ġwanni għalkemm iżraelita l-mod kif kien jgħix kien jiddistingwih mill-oħrajn. Ried jidher bħala barrani f'artu stess. Għalkemm Luqa ma jgħid xejn dwaru nafu minn Mt 3,4 li ma kienx jilbes il-libsa twila saċerdotali tat-tempju (huwa li ġej mir-razza saċerdotali – ***'bin Żakkarija'*** ), imma l-ilbies tad-deżert bħalma kien jagħmel il-profeta Elija (ara 2 Slaten 2, 13-14); ma kienx jiekol il-prodotti tal-belt, imma minn dak li d-deżert kien joffrilu. L-istorja tas-Salvazzjoni taf il-bidu ġdid tagħha f'postijiet marġinali, tal-periferija, fejn il-Kelma t'Alla ssib bniedem li mhuwiex distratt u jħalli l-istess Kelma tinżel fih.
5. Hemm imsemmija seba' personaġġi storiċi, pagani u lhud biex permezz tan-numru seba' San Luqa juri l-kompletezza tal-istorja: *«minna t-tnejn (Kristu) għamel poplu wieħed, billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna – il-mibegħda ta' bejnietna»* (Ef 2,14). Pagani u lhud flimkien qed joffru l-ambjent ghall-miġja tal-Kelma kif aktar tard xi wħud mill-istess personaġġi kienu awturi/atturi tal-passjoni tal-Mulej.

[Lq:3:3] **U ġie fl-inħawi kollha ta' madwar il-Ġordan, ixandar magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet,**

L-esperjenza mal-Kelma ssir sejħa ħajja lill-oħrajn għall-konverżjoni u turija konkreta ta' kif wieħed jasal għaliha u hekk jara s-Salvazzjoni t'Alla.

Min kien jitgħammed fl-ilma (jogħdos fl-ilma) kien juri li huwa jagħraf id-dgħufija tiegħu u jaċċetta l-mewt simbolika. Mal-għarfien mad-dnub kien hemm ukoll ix-xewqa li jirbaħħa. Dak li qal : *« Jien mhux lill-ġusti gejt insejjaħ, iżda lill-midimbin għall-indiema »* (Lq 5,32) juri li l-indiema hija realta' akbar minna. Il-maħfra hija rigal li ma nistgħux nimmeritawh bl-isforzi morali tagħna biss. Ix-xewqa, ir-rieda u l-azzjonijiet tiegħna jiddisponuna għall-vera konverżjoni.

[Lq:3:4-5] **kif hemm imniżżel fil-ktieb tal-profeziji ta' Isaija:'Leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: Ħejju t-triq tal-Mulej, iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu. Kull wied jimtela, kull muntanja u għolja titbaxxa, il-mogħdijiet mgħawwġa jiddrittaw, u t-triqat imħarbta jitwittew.**

Hawn imsemmi l-messaġġ konkret tal-konverżjoni li jitolob mpenn serju:

***«Kull wied jimtela»*** : Il-wied huwa s-simbolu ta' meta wieħed jiżvaluta lilu nnifsu b'mod konsiderevoli, b'sentimenti ta' sfiduċja u rassenjazzjoni, nuqqas ta' inizjattiva, passivita', għażż eċċ. Huwa l-'vojt' li faċilment isir spazju biex jilqa' fih id-dnub. Il-ħarsa tkun tant fuqu

innifsu li ma jkunx jista' jara l-Mulej u l-azzjonijiet tiegħu : *« ħarsu lejn l-għasafar tas-sema… madankollu Missierkom li hu fis-smewwiet jitmagħhom! Intom ma tiswewx aktar minnhom ? »* (Mt 6,26 ara wkoll Lq 12,24). Il-wied jimtela bl-Imħabba u l-Kelma t'Alla.

***« kull muntanja u għolja titbaxxa»***: Fil-lingwaġġ bibliku ta' Isaija kemm il-muntanji kif ukoll l-għoljiet jirrappreżentaw il-kburija u s-supperjvaja ta' dak li jrid jikkontrolla kollox u jiddomina fuq l-oħrajn (ara Is 2, 11-17). Is-Saltna t'Alla ma tistax tasal fejn hemm l-ispirtu ta' kompetizzjoni. Fid-dinja l-ġdida jidħol biss minn jaħseb b'mod ġdid: l-għotja tiegħek innifsek, il-qadi umli, it-tfittix tal-aħħar post**:** *« Intom mhux hekk, imma l-akbar fostkom għandu jġib ruħu tal-iżgħar wieħed, u min hu fuq l-oħrajn iġib ruħu ta' qaddej »* (Lq 22,26) ; *« Aħsbu f'xulxin l-istess, taħsbux fi ħwejjeġ kbar, imma fittxu l-umli »* ( Rum 12,16).

***«il-mogħdijiet mgħawwġa jiddrittaw, u t-triqat imħarbta jitwittew»***: Hija stedian biex permezz tat-triq dritta, Alla jkun jista' jidħol fil-bniedem u jsib post fil-qalb tiegħu : *«Dritta hi t-triq ta' Alla ; safja hi l-kelma tal-Mulej »* (Salm 18,31). Kollox huwa indirizzat lejn il-qalb mnaddfa, pura, koerenti : *« Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax huma jaraw 'l Alla »* (Mt 5,8) ; *« Forsi jien togħġobni l-mewt tal-bniedem il-ħażin?' oraklu ta' Sidi l-Mulej ; mhux aktar jogħġobni li jerġa' lura minn triqatu u jgħix ? »* (Eżek 18,23).

**[Lq:3:6] U l-bnedmin kollha jaraw is-salvazzjoni ta' Alla.**

**«Il-bnedmin kollha»**: Fit-test oriġinali grieg għandha tinqara *"kull laħam"* (gr. *Sárx*). *"Laħam"* fis-sens bibliku jirreferi għall-bniedem fl-aspetti tiegħu ta' fraġilità, ta' dgħufija, espost għal kull falliment, kull dnub, kull mewt... Il-bniedem huwa 'laħam' għax jimrad, jagħmel l-iżbalji, ibati s-solitudni, jixjieħ u imut. Il-wiegħda hija din: Kull dgħufija tal-bniedem hija miftuħa għas-Salvazzjoni. Hekk l-istorja 'tiegħi' tinbdel fi storja tas-Salvazzjoni: *«għajnejja raw is-salvazzjoni tiegħek li int ħejjejt għall-poplu kolha»* (Lq 2,30-32).

In-nuqqas ta' konverżjoni tiegħi tfixkel lil sieħbi milli jara s-salvazzjoni ta' Alla u fl-istess waqt il-konverżjoni tiegħu ssir narrazzjoni li Alla tassew joffri s-Salvazzjoni tiegħu. L-istedina għall-konverżjoni ssir responsabilita' li wieħed irid jieħu fil-konfront tal-Kelma t'Alla u quddiem "kull bniedem".

**Għar-Riflessjoni**

1. Hemm xewqa serja ġewwa fija għall-konverżjoni?
2. L-ambjent favorit għat-tħejjija/konverżjoni huwa dejjem id-deżert. Lil Ġwanni ħejjieh biex iwettaq *b'full awareness* u disponibilità il-missjoni tiegħu. Kif nista' nagħmel id-deżert iktar preżenti għalija f'dan iż-żmien?
3. X'tifsir għandhom għalija il-'wied', il-'muntanja', il-'mogħdija'? Huma tassew mera tad-dnub tiegħu u fl-istess ħin sejħa għall-konverżjoni?
4. Liema hija l-ikbar dgħufija fija li qed tistenna s-salvazzjoni?
5. Bħan-nies li marru għand Ġwanni, x'għażla konkreta ser nagħmel biex nuri li tassew jien qed inħejji t-triq għall-Mulej?